MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Talba Numru. 2357/2004

**Fogg Insurance Agencies Limited (C-597) ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta` estera Norwich Union International Insurance Limited kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Agius abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni tat-tip comprehensive u tal-Ligi u l-istess Joseph Agius [518646(M)]**

**vs**

**Raymond Darmanin**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-15 ta' Dicembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta' tlett mija u tmenin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm380.97), rapprezentanti d-danni kollha sofferti mill-attur Joseph Agius assigurat tas-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited noe, u li ghalihom ghamlu tajjeb, kwantu ghall-ammont ta' tlett mija u**

**hamsa u hamsin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm355.97) is-socjeta' attrici Fogg Insurance Agencies Limited, u kwantu ghall-ammont ta' hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) l-attur Joseph Agius in linea ta' *excess payment,* bhala rizultat tal-incident awtomobilistiku li sehh fit-13 ta' Frar, 2004 ghall-habta tas-6.00pm gewwa Malta International Airport Employees Car Park, bejn il-vettura proprjeta' ta' l-attur Joseph Agius, bin-numru ta' registrazzjoni Gudja, u l-vettura misjuqa mill-konvenut bin-numru ta' registrazzjoni DAR-235, liema incident sehh unikament bhala rizultat ta' traskuragni, negligenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru, 2004, u ta' l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta' assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, u l-interessi legali mid-data tan-notifika ta' l-imsemmija ittra ufficjali tad-9 ta' Novembru, 2004 kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta prezentata mill-konvenut fil-5 ta' Jannar, 2005, fejn intqal illi lt-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez, billi l-incident mertu a' din il-kawza ma garax toro u htija tal-esponenti, izda gara unikament toro ta' Silvana Agius is-sewwieqa tal-vettura numru XXX-372 u dana kif ser jigi ampjament ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS1361 Raymond Busuttil, Silvana Agius, Joseph Agius u Raymond Darmanin. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-disfensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kawza tirrigwarda kollizzjoni illi sehhet fit-13 ta' Frar 2004 ghal habta tas-6pm fl- "employees car park" f'Malta Internacional Airport. L-incident sehh meta Silvana Agius li kienet qed issuq il-vettura tal-**

**attur kienet ghaddejja minn bejn iz-zoni tal-parkegg, u il-konvenut regga lura biex johrog mill-parkegg.**

**2. Skond is-Surgent tal-Pulizija PS1361 Raymond Busuttil, li kien investiga l-incident, fiz-zmien in kwistjoni kienx hemm parking bays, u l-konvenut kien parkeggjat f'wiehed minn dawnn il-*parking bays*. Kien hemm il-vettura tal-attur ghaddejja, u hu u qed iregga lura baqa' dile fiha. Din il-versjoni hija dik li nghatat a tempo vergine skond ma jirrizulta mir-road accident report Dok.DR1.**

**3. Silvana Agius tghid li kienet ghaddejja bid-dwal mixghulin, u tghid li l-konvenut ma kellux dwal. Hi spjegat li kienet ghaddejja skond id-direzzjoni li hemm, peress li hi f'sens uniku. Hi kienet qed issuq ghan-nofs it-triq.**

**4. Il-konvenut spjega li ta' bilfors kellu jregga lura biex johrog mill-*parking bay*. Hu jghid li xeghel id-dawl u hares fil-mera tal-lemin, u hares ukoll fil-mera tan-nofs. Jaqbel li l-karrozzi jistghu jigu mid-direzzjoni tax-xeluh biss. Skond hu kien ghadu biss bir-rota li qabzet pied il-barra mill-parking bay meta sehhet il-kollizzjoni. Biex aktar jispjega kif gara l-incident il-konvenut esebixxa skizz li ghamel hu Dok.D1, fejn indika l-manuvra li allega li ghamlet Agius.**

**5. Dwar dan l-ahhar punt Silvana Agius tichad li hi ghamlet il-manuvra li qed jallega li ghamlet il-konvenut. It-Tribunal jinnota illi mhux biss dak li qed jallega il-konvenut ma jaqbel xejn ma dak li xehed is-Surgent, u ma dak li ntqal ezatt wara il-habta, izda, ma jistghax ma jirrimarkax illi l-versjoni tal-konvenut hija supposizzjoni tal-manuvra li ghamlet l-attrici, ghax li kieku tassew ghamlet dik il-manuvra hu kien jarha. Apparti minn dan ma jirrizultax li kien hemm, dak iz-zmien, xi senjaletika mal-art li tindika minn fejn wiehed ghandu jghaddi.**

**6. Ghalhekk tenue kont ta' dan, jirrizulta li l-konvenut ma kienx qieghed attent bizzejjed waqt li kien qed iregga lura, u kienet il-manuvra tieghu li kkawzat il-kollizzjoni, filwaqt li t-Tribunal ma rravviza ebda negligenza da parti ta' Silvana Agius.**

**7. Id-danni jirrizultaw pruvati mid-DokRF1 sa RF5 fl-ammont mitlub.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi jsib lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh jikkundannah ihallas lillpartijiet responsabbli fi grad ugwali ghall-incident li sehh, jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici Fogg Insurance Agencies Limited is-somma ta’ tlett mija u hamsa u hamsin lira Maltija u sebgha u disghin centezmu (Lm355.97), u lill-attur Joseph Agius is-somma ta’ hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00), ilkoll bl-imghaxijiet mid-9 ta’ Novembru, 2004.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tad-9 ta’ Novembru, 2004, u ta’ l-ittra ufficjali mibghuta kontestwalment mal-avviz lis-socjeta’ assikuratrici GasanMamo Insurance Limited, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------